MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 32/2004/1

**A. N. G. Borg Limited**

**vs**

**Victor Hili & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Dicembru 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ammont dovut rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta' Marzu 2004."

Ra r-risposta:

"1. Preliminarjament is-socjeta' attrici trid iggib il-prova tal-konsenja tal-merkanzija li taghha qed titlob il-hlas;

2. Preliminarjament ukoll it-talba tas-socjeta' attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b), 2151, u 2156(f) tal-Kap.16;

3. Illi fil-meritu s-socjeta' attrici mhijiex debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont pretis;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi:

Ikkunsidra:

L-ewwel li sejra tigi kkunsidrata hija t-tieni eccezzjoni u cioe' dik dwar il-preskrizzjoni skond tlett artikli differenti tal-Kodici Civili. Din qieghda tigi michuda billi (1) hija nkompatibbli mat-tielet eccezzjoni, li permezz taghha qieghed jigi kkontestat il-*quantum* u ghalhekk implicitament qieghed jigi ammess l-ezistenza tal-kreditu pretiz (2) kwalunkwe perjodu preskrittiv gie interrott (jekk kien ghadu ghaddej) jew irrinunzjat (jekk diga' kien ghadda) bil-pagamenti akkont li saru; l-ahhar wiehed sahansitra sar ftit jiem wara li giet ipprezentata din il-kawza.

Bla dubbju, saret il-prova tal-konsenja, anke permezz tal-invoices iffirmati minn rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta konvenuta ippruvat titfa' d-dubbji dwar jekk il-konsenji, jew uhud minnhom sarux lil kumpannija ohra li hemm b'isem simili, bla ma tressqet l-ebda prova dwar ir-rigward. Imbaghad, wara li nghalqu l-provi – fin-nota ta' sotomissjonijiet responsiva taghha allegat li uhud mill-partiti tal-merkanzija gew ikkonsenjati lil

Victor Hili personalment, u mhux lil Victor Hili & Sons, ghax fuq uhud mill-invoices hemm imnizzel l-isem ta' Victor Hili. Ovvjament dan l-isem tnizzel mhux ghax Victor Hili kien qieghed jixtri personalment, imma sempliciment tnizzlu l-kliem *Victor Hili* fil-qosor ghall-isem shih tal-kumpannija – kif spiss isir fl-ghaggla tan-negozju. It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax li din it-tip ta' difiza hija wahda frivola u fiergha ghall-ahhar. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija wkoll respinta

Bla bazi wkoll hija l-argomentazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta fis-sens li fl-ammont mitlub iddahhal il-hlas tad-debt collector. Ghalkemm gew ipprezentati zewg ricevuti tad-debt collector, dawn ma ddahhlu bl-ebda mod fil-kont. L-ammont jirrizulta sodisfacentement kemm mill-invoices kif ukoll mill-istatement a fol 30 tal-process. Ghalhekk qeghda tigi michuda wkoll it-tielet eccezzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jilqa' in parti t-talba attrici billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM1,069.28c stante pagament ta' LM100 fil-mori tal-kawza bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Marzu 2004 a kariku tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-eventwali hlas effettiv."

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta b' dawn l-aggravji:-

(1) Fir-rigward tat-tnejn mill-*invoices* esebiti u ntestati "Victor Hili", it-Tribunal ghamel assunzjonijiet prezuntuzi, b' ghaggla kbira, baziti fuq supposizzjonijiet u minghajr il-konfort ta' provi ohra. Hi tattakka lit-Tribunal li ghamilha ta' difensur tas-socjeta` attrici aktar milli fittex li jaghti gudizzju mparzjali;

(2) Ma jirrizultax li ttiehed qies tal-pagamenti akkont li saru ta' l-ammont reklamat. Dan riferibilment ghall-i*statement* esebit mis-socjeta` attrici a fol. 30 tal-process;

Kwantu ghall-ewwel ilment dan mhux biss hu ghal kollox infondat izda l-attakk fuq l-imparzjalita` tat-Tribunal hu manifestament inaccettabbli.  Jekk xejn ghaliex ma jirrizulta minn imkien illi t-Tribunal ma zammx ekwidistanza bejn il-kontendenti, jew li kien parzjali fil-gudizzju tieghu;

Jibda biex jigi registrat bhala osservazzjonijiet preliminari illi s-socjeta` appellanti ma pproduciet ebda provi u naqset li tirribatti d-dikjarazzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici fejn xehed illi "qatt ma baghtu oggezzjonijiet ghall-*invoices*" (fol. 13).  Kien ghalhekk ghal kollox korrett u gustifikat it-Tribunal jikkonsidra fuq il-bazi tal-provi akkwiziti illi kienet saret il-prova li r-relazzjoni guridika kienet bejn iz-zewg socjetajiet.  Dan anke ghaliex minn imkien mill-atti ma jirrizulta li s-socjeta` appellanti pprotestat ruhha mas-socjeta` attrici illi l-fatturi fuq isem "Victor Hili" ma kienux jikkorrispondu ghall-merkanzija ordnata minnha u kkonsenjata lilha;

Titwila lejn l-eccezzjonijiet intavolati mis-socjeta` appellanti juri li, apparti l-preskrizzjonijiet eccepiti, hi llimitat ruhha biex tinsisti li s-socjeta` attrici kellha ggib il-prova tal-konsenja u ssostni li hi ma kienetx debitrici ta' l-istess socjeta`;

Rinfaccjata bil-prova tal-konsenji tal-partiti li sarulha skond l-*invoices* esebiti (fol. 15 sa fol. 21) u l-i*statement* (fol. 30), ma baqghetx issostni li ma kienetx hekk debitrici tas-socjeta` attrici izda llimitat ruhha biex permezz ta' Nota tissottometti li tnejn mill-fatturi jirreferu ghal Victor Hili personalment;

F' sitwazzjoni bhal din, kien certament jispetta lis-socjeta` appellanti li tipproduci provi konlusivi in sostenn ta' din is-sottomissjoni taghha hekk mitfugha f' Nota ta' sottomissjonijiet.  Dan almenu biex tistabbilixxi illi dak li kellu jigi *prima facie* prezunt mic-cirkostanzi materjali li

fihom saru l-kontrattazzjonijiet u l-konsenji ma kienux jikkorrispondu ghas-sewwa ghaliex fil-verita n-negozju kien sar ma' haddiehor u mhux maghha. Dan aktar u aktar meta jidher ovvju li l-firmatarju attestanti r-recezzjoni tal-fornituri kien dejjem l-istess persuna. Dan fil-kaz ta' l-*invoices* kollha, kemm dawk intestati "Victor Hili & Sons Ltd" kemm dawk it-tnejn fosthom intestati "Victor Hili";

Is-socjeta` appellanti qaghdet passiva, ma gabet ebda prova, ma kkontradiciet xejn mix-xhieda u l-prova dokumentarja tas-socjeta` attirci izda *sic et sempliciter* illimitat ruhha biex tqajjem dubju li fir-rigward ta' zewg konsenji l-vinkolu kuntrattwali ma kienx maghha imma ma' Victor Hili personalment, li issa fir-rikors ta' l-appell taghha tissottometti wkoll li dan ghandu n-negozju tieghu separat u distint minn tal-kumpanija. Huwa bil-wisq logiku li jinghad li ma kienx jibbasta li s-socjeta` appellanti tafferma dak li kien maghruf lilha li Victor Hili kellu n-negozju tieghu separat u distint minn dak taghha meta dan ma jirrizulta minn ebda prova mill-atti. Certament wiehed kien jistenna prova cara u sostanzjali minn din is-semplici affermazzjoni. Is-socjeta` attrici ma kien jenhtiegilha taghmel xejn hlief li tipprova l-fatt kostituttiv tal-pretensjoni taghha, jigifieri, il-kontrattazzjoni, l-ezekuzzjoni tal-konsenja tal-partiti ta' merkanzija ordnata u n-nuqqas tal-hlas. Il-prova dokumentarja kienet tiggustifika lis-socjeta` attrici meta din agixxiet kontra s-socjeta` konvenuta appellanti. It-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni korretta fl-apprezzament tieghu tal-provi u, ghalhekk, tenut rigward tac-cirkostanzi kollha, din il-Qorti mhix lesta li tallontana ruhha minnha biex invece taccetta ipotesijiet spekulattivi, ventilati mis-socjeta` appellanti, li ma jsibu ebda riskontru fir-rizultanzi istruttorji. L-ewwel aggravju ghalhekk qed jigi respint;

Dwar it-tieni aggravju dan hu assolutament insostenibbli. Bizzejjed wiehed jikkompara Invoice Nru. 003986A (fol. 15) fl-ammont ta' tmien mija u tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm808.50) ma' l-i*statment* a fol. 30 fejn fih hu muri li din l-istess *invoice* hi ridotta ghall-erbghin lira u

sebgha u disghin centezmu (Lm40.97). Li jfisser li s-socjeta` attrici ghamlet ir-riduzzjoni korrispondenti ghall-hlasijiet akkont li sarulha. Manifestament ghalhekk dan l-ilment hu wiehed ghal kollox fieragh, u ma jimmeritax dilungar zejjed minn din il-Qorti, li, anzi, hi tal-konvinzjoni li dan mhux hlief tentattiv biex is-socjeta` appellanti tinqeda bl-ghodda procedurali biex tirrezisti l-hlas dovut u b' hekk tissokta tivvessa lil kontroparti, oltre li tispreka z-zmien prezzjuz ta' din il-Qorti milli takkorda aktar attenzjoni lil dawk l-appelli li verament jisthoqqilhom approfondiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta, b' dan li din qed tigi kkundannata li thallas id-*doppie spese* ta' dan l-appell billi din il-Qorti ssibu ghal kollox frivolu u vessatorju a tenur ta' l-Artikolu 8 (5) ta' l-Att V ta' l-1995 (Kapitolu 380) u ta' l-Artikolu 223 (4) tal-Kodici ta' Procedura (Kapitolu 12).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------